**Uffiċċju tal-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji**
Blokk C, Belt Is-Sebħ, Floriana. FRN 1700
Tel: (+356) 2568 7261
Fax: (+356) 2568 7265
Email: vo@gov.mt

# NOTI

## biex jgħinu lill-organizzazzjonijiet volontarji li jixtiequ japplikaw għal iskrizzjoni skond l-Att dwar Organizzazzjonijiet Volontarji

Dawn in-noti tħejjew mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji.

F'dawn in-noti:

"applikant" tfisser l-organizzazzjoni;

"formola ta' applikazzjoni" tfisser il-formola ta' applikazzjoni maħruġa mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji għall-iskrizzjoni ta' organizzazzjoni bis-saħħa ta' artikolu 13 ta' l-Att dwar Organizzazzjonijiet Volontarji;

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji;

"Uffiċċju" tfisser l-Uffiċċju tal-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji u l-istaff tiegħu.

## Preliminari:

L-organizzazzjonijiet volontarji kollha jistgħu japplikaw għal iskrizzjoni skond l-Att dwar Organizzazzjonijiet Volontarji. Organizzazzjonijiet volontarji **M'HUMIEX** obbligati li jkunu iskritti. L-iskrizzjoni hija l-għażla li l-Att dwar Organizzazzjonijiet Volontarji jagħti lill-organizzazzjonijiet volontarji kollha.

Organizzazzjoni volontarja tkun iskritta mal-Kummissarju jekk tikkwalifika bħala organizzazzjoni volontarja taħt l-artikolu 3 ta' l-Att dwar Organizzazzjonijiet Volontarji.

L-artikolu 3 jitlob li l-organizzazzjoni volontarja tkun:
- stabbilita b'dikjarazzjoni bil-miktub;
- stabbilita għal skop li hu legali, li jista' jkun skop soċjali jew xi skop ieħor li hu legali;
- ma tagħmilx profitt;
- volontarja; u
- independenti mill-Istat.

It-termini t'hawn fuq huma spjegati fl-Att dwar Organizzazzjonijiet Volontarji u huma riprodotti hawn biex l-organizzazzjoni volontarja tkun tista' tivverifika li tikkwalifika.

**MHUX** meħtieġ li l-organizzazzjoni volontarja tkun reġistrata bħala persuna legali a termini tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili jew li għandha personalità ġuridika taħt il-liġi Maltija.

| Artikolu 2,<br>Att dwar Organizzazzjonijiet Volontarji<br>**Defenizzjonijiet** | **Spjegazzjoni** |
|---|---|
| "organizzazzjoni volontarja" tfisser fondazzjoni, *trust*, assoċjazzjoni ta' persuni jew organizzazzjoni temporanja li hi independenti u awtonoma u li tikkwalifika taħt l-artikolu 3; | Il-forma ta' l-organizzazzjoni mhix importanti sakemm l-organizzazzjoni għandha statut bil-miktub li jirregolaha. Dan jista' jkun bil-Malti jew bl-Ingliż, u meta jkun b'xi lsien ieħor għandha tingħata traduzzjoni ċertifikata bl-Ingliż jew bil-Malti. |
| "li ma tagħmilx profitt" hija użata fir-rigward ta' organizzazzjoni fejn:<br>(a) l-istatut ta' l-organizzazzjoni fih esklużjoni espressa ta' l-iskop li tagħmel profitt; u<br>(b) hemm provvediment espress fl-istatut li jiddefinixxi l-iskopijiet ta' l-organizzazzjoni li ma jinkludux il-promozzjoni ta' interessi privati, ħlief interess privat li hu skop soċjali; u<br><br>(ċ) ebda parti mid-dħul, kapital jew propjetà ta' xi promotur, fundatur, membru, amministratur, donatur jew xi interess privat ieħor:<br><br>Iżda jekk promotur, fundatur, membru, amministratur jew donatur hija organizzazzjoni oħra iskritta li ma tagħmilx profitt, il-limitazzjoni fil-paragrafu (ċ) m'għandhiex tapplika sakemm id-disponibilità tal-propjetà hija suġġetta għal kondizzjonijiet li huma konsistenti ma' l-iskopijiet ġenerali ta' l-organizzazzjoni li tagħmel l-għotja:<br><br>B'dan ukoll li organizzazzjoni għandha tibqa' titqies li ma tagħmilx profitti minkejja:<br><br>(i) li tikseb qligħ pekunjarju mill-attivitajiet tagħha meta dan il-qligħ ma jgħaddix jew ma jkunx ikkreditat lill-membri tagħha iżda jkun utilizzat esklussivament għall-iskopijiet stabbiliti tagħha;<br><br>(ii) li tixtri u tbigħ jew b'xi mod ieħor tinnegozja oġġetti jew servizzi li huma relatati esklussivament ma' l-iskopijiet prinċipali tagħha;<br><br>(iii) li hi stabbilita għad-divertiment ġenerali, passatemp, edukazzjoni jew benefiċċju simili għall-membri tagħha biss; jew<br><br>(iv) li hi stabbilita għall-promozzjoni tar-rwol soċjali, etika, edukazzjoni u valuri ta' sengħa jew professjoni, sakemm ma tippromwovix l-interessi privati tal-membri tagħha. | Jekk l-istatut ta' l-organizzazzjoni **MA FIHX** dikjarazzjoni espressa li hi ma tagħmilx profitt, allura l-istatut jeħtieġlu jiġi emendat qabel l-applikazzjoni għal iskrizzjoni. Għandhom ikunu segwiti l-proċeduri normali għall-emenda ta' l-istatut. Tista' tiżdied klawsola fuq il-linji li ġejjin:<br><br>*"L-organizzazzjoni m'għandhiex tkun organizzazzjoni li tagħmel profitt, kif definit fl-Att dwar Organizzazzjonijiet Volontarji (Kapitlu 492 tal-Liġijiet ta' Malta)."*<br><br>L-organizzazzjoni jeħtiġilha wkoll tiżgura li meta tiġi xolta, ebda parti mill-assi tagħha ma tgħaddi għand xi promotur, fundatur, membru, amministratur, donatur (ħlief kif permess fil-proviso) jew xi interess privat ieħor. Tista' tiżdied klawsola fuq dawn il-linji:<br><br>*"Max-xoljiment, l-assi kollha ta' l-organizzazzjoni għandhom jgħaddu favur organizzazzjoni oħra li ma tagħmilx profitt u li għandha skopijiet simili għal dawk ta' l-organizzazzjoni li tista' tintgħażel mill- [amministraturi, il-membri jew il-Qorti]."*<br><br>Il-membri ma jkunux skwalifikati talli jagħmlu użu mingħajr ħlas mill-faċilitajiet ta' organizzazzjoni jew talli jgawdu skonti raġonevoli fuq is-servizzi jew oġġetti tagħha bħal f'bars jew kantins, rappreżentazzjonijiet u okkażjonijiet simili.<br><br>L-organizzazzjoni ma tkunx skwalifikata wkoll talli tagħmel qligħ minn attivitajiet kummerċjali limitati sakemm dawn huma relatati ma' l-iskopijiet tagħha, e.z. soċjetà li torganizza rappreżentazzjonijiet tista' tirċievi ħlasijiet għar-rappreżentazzjonijiet, stabbiliment edukattiv jista' jirċievi ħlasijiet għal tagħlim, sakemm il-qligħ ikun użat mill-ġdid għall-iskop.<br><br>Tista' tiżdied klawsola fl-istatut fuq dawn il-linji skond il-fatti rilevanti:<br><br>*"L-organizzazzjoni tista':<br>(i) tikseb qligħ pekunjarju mill-attivitajiet tagħha meta dan il-qligħ ma jgħaddix jew ma jkunx kreditat lil xi interess privat imma jkun utilizzat esklussivament għall-iskopijiet ta' l-organizzazzjoni; u<br>(ii) li tixtri u tbigħ jew b'xi mod ieħor tinnegozja oġġetti jew servizzi li huma relatati esklussivament ma' l-iskopijiet prinċipali tagħha."* |
| "voluntarju" fil-kuntest ta' organizzazzjoni volontarja tfisser l-eżistenza ta' wieħed jew aktar minn dawn l-elementi li ġejjin:<br>(a) il-kontroll ġenerali ta' organizzazzjoni huwa eżerċitat minn amministraturi li ma jirċievu ebda rimunerazzjoni għas-servizzi tagħhom biex imexxu l-funzjonijiet ta' amministraturi, ħlief kif permess hawn taħt; | Jekk l-organizzazzjoni tissodisfa xi WIEĦED minn dawn il-kriterji, allura tikkwalifika bħala volontarja.<br><br>L-amministraturi m'għandhomx bħala regola (iżda ara 'l isfel), jirċievu xi ħlasijiet għas-servizzi tagħhom. Dan ma jfissirx li l-organizzazzjoni ma jistax ikollha impjegati jew persuni oħra li jagħtu servizzi fuq bażi rimunerattiva. Hawn qed niffukaw fuq il-persuni li jikkontrollaw l-organizzazzjoni u oħrajn li jridu jagħtu kont lilhom. |

| | |
|---|---|
| (b) l-organizzazzjoni hija maħluqa mill-tħollijiet ta' għotjiet volontarji u gratuwiti u l-affarijiet ta' l-organizzazzjoni huma appoġġjati, almenu parzjalment, minn dawk l-għotjiet volontarji u gratwiti jew minn servizzi mogħtija fuq bażi volontarja; | Hu importanti li organizzazzjoni volontarja ssib l-eżistenza tagħha fuq il-bażi ta' donazzjonijiet u għotjiet u servizzi, li mbagħad jistgħu jkunu supplimentati minn attivitajiet li jtellgħu l-fondi. Dak li jrid ikun evitat hu l-ħolqien ta' organizzazzjoni bi "pjan ta' negozju" biex tiġbor il-flus minn attivitajiet kummerċjali, li mbagħad teżisti biss minħabba dik il-funzjoni ta' rendiment ta' flus mingħajr ebda appoġġ estern volontarju għall-iskopijiet tagħha. |
| (ċ) suġġett għall-limitazzjonijiet minħabba n-natura u d-daqs ta' l-organizzazzjoni u suġġett għal kull diskrezzjoni li tista' tkun eżerċitata a termini ta' l-istatut ta' organizzazzjoni mill-amministraturi jew minn kumitat tal-membri, kull persuna tista' tingħaqad ma' organizzazzjoni jew tieħu sehem fl-attivitajiet ta' l-organizzazzjoni; u<br><br>(d) kull min jieħu sehem fl-organizzazzjoni għandu d-dritt li jitlaq b'mod ħieles mill-organizzazzjoni: | In-nies ġeneralment għandhom jitħallew ħielsa li jingħaqdu ma' l-organizzazzjoni jew joħorġu minnha mingħajr xi penali jew sanzjoni. Hu permess li jkun hemm kumitat ta' membri jew ta' ammissjonijiet li jista' jeskludi persuni milli jingħaqdu għal raġunijiet u impenji dikjarati jew bil-ħlas ta' miżati ta' sħubija. |
| Iżda:<br>(i) sakemm l-istatut ma jipprovdix mod ieħor, amministraturi jistgħu jirċievu onorarju raġonevoli għal servizzi li jagħtu sakemm il-ħlas ta' dan l-onorarju ma jippreġudikax materjalment il-kisba ta' l-iskopijiet ta' l-organizzazzjoni volontarja; | L-istatut jista' jipprojibixxi dħul lil amministraturi. Iżda, sakemm ma jkunx ipprojbit espressament, hu possibbli li amministraturi jirċievu xi rimunerazzjoni jekk tkun approvata mill-persuni kompetenti, bħal korp ta' sorveljanza, membri ta' qorti, u mhux approvata minnhom stess. Il-fattur ewlieni hu li r-rimunerazzjoni tagħhom ma tippreġudikax l-iskopijiet ta' l-organizzazzjoni. Dan hu test relattiv għaliex kollox jiddependi minn kemm għandha dħul l-organizzazzjoni. |
| (ii) ir-rimunerazzjoni ta' persuni li huma impjegati biex jaqdu funzjonijiet ta' maniġment, eżekuttivi jew ta' ġbir ta' fondi f'organizzazzjoni volontarja m'għandhiex tkun tali li tippreġudika materjalment il-kisba ta' l-iskopijiet ta' l-organizzazzjoni volontarja; u | L-istess test japplika għal impjegati u dawk li jiġbru l-fondi. Dawn jistgħu jitħallsu iżda mhux daqstant li d-dħul tagħhom jgħawwar il-ħila ta' l-organizzazzjoni li twettaq l-iskopijiet tagħha. Hija r-responsabbiltà ta' l-amministraturi li jaraw li dan ma jsirx. |
| (iii) l-organizzazzjoni tista' tagħti lura nefqiet raġonevoli lil amministraturi, maniġers, persuni eżekuttivi, voluntiera u persuni oħrajn li jappoġġjaw l-iskopijiet ta' l-organizzazzjoni; | L-għoti lura ta' spejjeż lil amministraturi u membri qatt mhi diffikulta sakemm dawn ikunu raġonevoli. Għandu jkun hemm sistemi biex tkun evitata l-ħtieġa li amministraturi jonfqu minn flushom sabiex dawn imbagħad jingħatawlhom lura. L-organizzazzjoni għandha tfittex li tħallas direttament l-ispejjeż tagħha. |

## Organizzazzjonijiet Li Huma Esklużi:

**Kummerċ:** Organizzazzjonijiet ma jistgħux jiġu iskritti jekk huma entità kummerċjali, bħal kumpanija b'responsabbiltà limitata jew soċjetà bi sħab kummerċjali. Lanqas tista' tapplika organizzazzjoni jekk hija stabbilita biex tmexxi attivitajiet kummerċjali jew biex tinnegozja, anke jekk il-profitti li tagħmel se jingħataw bħala donazzjoni lill-karità jew lil organizzazzjonijiet volontarji. Dan ma jfissirx li organizzazzjoni kummerċjali ma tistax tistabbilixxi u tiskrivi organizzazzjoni volontarja, jew li organizzazzjoni volontarja ma tistax hija nnifisha twaqqaf entità kummerċjali jekk ir-regoli jkunu osservati. Fil-fatt, dan l-aħħar każ hu permess mill-Att dwar Organizzazzjonijiet Volontarji biex jiżgura trattament ġust għal kulħadd u li organizzazzjonijiet volontarji ma jinnegozjawx u jikkompetu b'mod inġust: huma mitluba li jwaqqfu organizzazzjonijiet kummerċjali apposta li huma suġġetti għar-regoli kollha ta' konformità u żvelar jekk iridu jagħmlu dan.

**Privat:** Organizzazzjonijiet ma jistgħux ikunu iskritti bħala organizzazzjoni volontarja jekk jitwaqqfu biex jippromwovu interess privat bħall-interess kummerċjali ta' kumpanija jew ta' prodott partikolari jew biex jibbenefikaw benefiċċjarji individwali msemmija partikolarment. Kooperattiva, fondazzjoni privata għall-interessi individwali jew personali jew familjari tiegħu/tagħha, u arranġamenti ta' kondominju ma jistgħux ikunu iskritti billi l-iskopijiet tagħhom huma privati.

Jekk l-iskop ta' organizzazzjoni hu l-promozzjoni ġenerali tar-rwol soċjali, etika, edukazzjoni u valuri ta' sengħa jew professjoni, dan ma jeskludix l-iskrizzjoni sakemm ebda interess partikolari ma jkun promoss. Lanqas m'għandha tkun eskluża organizzazzjoni għaliex tipprova tappoġġja individwi, bħala klassi, li jbatu minn ħtieġa partikolari li tikkwalifika bħala skop soċjali sakemm tipprova tappoġġja l-klassi b'mod ġenerali u mhux persuna jew tnejn identifikabbli.

## L-Att dwar Organizzazzjonijiet Volontarji:

Hemm ħafna dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar Organizzazzjonijiet Volontarji li huma rilevanti għall-applikazzjoni għal iskrizzjoni u l-konsiderazzjoni tagħha. L-Att dwar Organizzazzjonijiet Volontarji jista' jitniżżel mill-websajts www.mfss.gov.mt; www.doi.gov.mt; jew www.mjha.gov.mt

## Għaliex Organizzazzjoni Volontarja Għandha Tkun Iskritta?

Hu ta' benefiċċju għal organizzazzjoni li tkun iskritta sabiex dik l-organizzazzjoni imbagħad tikkwalifika għal ċerti privileġġi. Jekk organizzazzjoni volontarja ma tkunx iskritta, ma tistax tagħmel ġbir pubbliku mingħajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija, ma tistax tirċievi għotijiet jew tidħol għal kuntratti ta' kooperazzjoni mal-Gvern ta' Malta u ma tkunx tista' tagħmel użu mill-appoġġ ta' l-Uffiċċju tal-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji jew tkun benefiċċjarja tal-politika pożittiva li l-entitajiet tal-gvern huma marbuta li jipprovdu favur organizzazzjonijiet volontarji iskritti. Organizzazzjoni volontarja li mhix iskritta ma tistax tuża l-istatus ta' "VO" f'isimha jew fil-*logos* u kartolerija tagħha.

## Konsiderazzjoni ta' Applikazzjoni għal Iskrizzjoni:

Ir-regoli li ġejjin japplikaw għall-konsiderazzjoni ta' applikazzjonijiet ordinarji. Hemm regoli differenti għal applikazzjonijiet *Fast Track* (ara 'l isfel):

Il-formola ta' applikazzjoni tħejjiet sabiex tiggwidak tul ir-rekwiżiti tal-liġi fir-rigward ta' l-informazzjoni u d-dokumenti li huma meħtieġa mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji. Hu rrikkmandat li organizzazzjoni volontarja timxi mar-rekwiżiti ta' l-applikazzjoni b'attenzjoni sabiex tagħti lill-Uffiċċju tal-Kummissarju dak li jeħtieġ biex jiskrivi organizzazzjoni.

L-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji jista' jitlob organizzazzjoni tipprovdi aktar informazzjoni, jekk dan jitqies neċessarju biex jaqdi kif għandu jkun id-dmirijiet stabbiliti mil-liġi. L-iskop li tintalab aktar informazzjoni hu li tkun żgurata u miżmuma l-ħin kollu l-integrità tas-settur. B'mod partikolari, aktar informazzjoni tista' tkun meħtieġa fuq dawn li ġejjin, anke jekk mhux esklussivament:
(a) il-promoturi, fundaturi, amministraturi, donaturi u benefiċċjarji;
(b) l-assi u r-responsabbiltajiet;
(ċ) l-attivitajiet ta' l-imgħoddi, jekk kien hemm, tal-preżent u dawk maħsubin li ser isiru mill-organizzazzjoni;
(d) l-iskopijiet ta' l-organizzazzjoni u l-attivitajiet maħsubin li jsiru sabiex dawn jintlaħqu; u
(e) kull materja oħra li dwarha l-Kummissarju jista' jitlob kjarifika ulterjuri.

Il-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji ma jistax jiskrivi organizzazzjoni volontarja saħansitra jekk wieħed biss mill-amministraturi hu persuna li ma tikkwalifikax biex tkun amministratur ta' organizzazzjoni skond il-liġi applikabbli. Għalhekk organizzazzjoni għandha toqgħod attenta għal materji li jistgħu jiskwalifikawha u li huma applikabbli għall-amministraturi proposti.

L-attenzjoni dovuta tingħata għal kull informazzjoni mogħtija u rappreżentazzjonijiet sottomessi. L-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji ser ifittex li jikkopera kemm jista' jkun ma' l-applikanti sabiex jasal għal proċess veloċi ta' iskrizzjoni u għal klassifikazzjoni miftiehma ta' l-organizzazzjoni. Il-klassifikazzjoni tkun, 'il quddiem, rilevanti bħala bażi għall-applikazzjoni tar-regoli, inklużi dawk dwar benefiċċji u tassazzjoni.

Fil-każ li applikant jonqos milli jagħti l-informazzjoni mitluba jew milli jagħmel rappreżentazzjonijiet fuq kwalunkwe punt, il- Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji għandu jipproċedi bid-determinazzjoni ta' l-applikazzjoni għal iskrizzjoni fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli.

Meta tkun sottomessa applikazzjoni, hi l-funzjoni tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji li jiddetermina jekk il-kundizzjonijiet imniżżlin fil-liġi humiex sodisfatti u sussegwentement jaċċetta jew jiċħad applikazzjoni.

## Terminu:

L-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji jfittex li jmexxi 'l quddiem l-applikazzjonijiet sa mhux aktar tard minn tliet xhur mid-data ta' l-applikazzjoni.

Il-Kummissarju hu marbut li jgħarraf lill-organizzazzjoni, bil-miktub, bid-determinazzjoni ta' l-applikazzjoni għal-iskrizzjoni. Fil-każ ta' deċiżjoni li ma jaċċettax applikazzjoni, għandhom jingħataw ir-raġunijiet għal din id-deċizjoni. In-nuqqas ta' determinazzjoni u notifikazzjoni lil organizzazzjoni fi żmien it-tliet xhur stabbiliti għandu jfisser li l-applikazzjoni tkun ġiet miċħuda. Għalhekk, f'każ bħal dan, organizzazzjoni tista' immedjatament tappella quddiem il-Bord ta' Appell.

## Applikazzjoni *Fast Track*:

L-awtoregolamentazzjoni huwa inkoraġġit. Meta l-Kummissarju jaċċetta xi organizzazzjoni jew awtorita bħala r-regolatur kompetenti ta' organizzazzjonijiet, il-membri f'dawn l-arranġamenti jistgħu jiġu iskritti a bażi ta' ċertifikat ta' konformità maħruġ mill-awtorita li tirregola. F'dawn il-każijiet, il-Kummissarju huwa marbut li jiskrivi lill-organizzazzjoni applikanta fuq riċevuta tad-dokumenti mogħtija mingħajr reviżjoni.

## Ċaħda ta' Applikazzjonijiet:

Il-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji jista' jiċħad applikazzjoni jekk tkun sottomessa b'mod mhux komplet. Raġunijiet oħra għaliex il-Kummissarju jista' jiċħad applikazzjoni huma:

- il-preżenza jew le ta' xi fatturi li jimpedixxu iskrizzjoni taħt dispożizzjoni espressa ta' l-Att dwar Organizzazzjonijiet Volontarji, bħal meta organizzazzjoni hija organizzazzjoni esklużа kif imfisser hawn fuq; u
- il-legalità jew le ta' l-iskopijiet proposti ta' l-organizzazzjoni fir-rigward ta' l-iskopijiet dikjarati ta' l-organizzazzjoni u l-intenzjonijiet dikjarati tal-promuturi fir-rigward ta' l-attivitajiet tagħha;
- isem l-organizzazzjoni jkun l-istess bħal wieħed li diġà jeżisti jew jekk l-isem hu offensiv jew x'aktarx li jqarraq.

## Appelli:

Jekk applikazzjoni għal iskrizzjoni tiġi miċħuda mill-Kummissarju, organizzazzjoni għandha d-dritt li tappella minn din id-deċiżjoni lill-Bord ta' Appell stabbilit mill-Att dwar Organizzazzjonijiet Volontarji.

## Iskrizzjoni:

Meta jkun sodisfatt li organizzazzjoni hija eliġibbli għal iskrizzjoni skond l-Att dwar Organizzazzjonijiet Volontarji u għalhekk mhix tikser id-dispożizzjonijiet ta' dak l-Att, il-Kummissarju hu għalhekk marbut li jaċċetta l-applikazzjoni. L-Uffiċċju tal-Kummissarju għandu għalhekk:

(a) idaħħal id-dettalji ta' l-organizzazzjoni volontarja fir-Reġistru ta' Organizzazzjonijiet Volontarji;
(b) joħroġ Ċertifikat ta' Iskrizzjoni bin-numru ta' identifikazzjoni ta' l-organizzazzjoni volontarja;
(ċ) jispeċifika jekk l-organizzazzjoni volontarja hix fondazzjoni, assoċjazzjoni, *trust* jew organizzazzjoni temporanja; u
(d) jispeċifika l-klassifikazzjoni ta' iskrizzjoni ta' l-organizzazzjoni volontarja.

L-organizzazzjoni volontarja tintalab tiġbor iċ-Ċertifikat ta' Iskrizzjoni mill-Uffiċċju tal-Kummissarju. Kopji ċertifikati ta' dan jistgħu jinħarġu mill-Uffiċċju tal-Kummissarju jekk mitluba mill-organizzazzjoni.

Iċ-Ċertifikat ta' Iskrizzjoni jixbah karta ta' identità jew passaport u hu importanti ħafna biex jipprova l-istatus ta' organizzazzjoni. Dan hu strument pubbliku iżda ma jiddeterminax awtomatikament l-istatus fiskali ta' organizzazzjoni volontarja jew jekk tħallasx taxxa jew le fuq id-dħul u transazzjonijiet tagħha. Kwistjonijiet ta' tassazzjoni jeħtieġ li jkunu indirizzati mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

## Ħlasijiet għal Iskrizzjoni:

L-applikazzjoni għal iskrizzjoni għandha tkun akkumpanjata bil-ħlas nominali ta' €40 (Lm17.17).

## L-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji:

Jekk organizzazzjoni jew xi persuna jkunu jeħtieġu xi għajnuna, l-Uffiċċju tal-Kummissarju qiegħed hemm biex jagħti appoġġ u jgħin skond kif meħtieġ.

Kull korrispondenza jew mistoqsija lill-Uffiċċju tal-Kummissarju għandhom ikunu indirizzati hekk kif ġej:
Uffiċċju tal-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji
Blokk C
Belt Is-Sebħ
Floriana. FRN 1700
Tel: (+356) 2568 7261
Fax: (+356) 2568 7265
Email: vo@gov.mt

L-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji jiftaħ bejn:
it-08:30 ta' filgħodu u 12:00 u bejn 14:00 u 16:00 ta' wara nofsinhar.